# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1208

KAZ NRU. 1509

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Abdurauf Aboughrara

u

Paradise Bay Hotel

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 25 ta' Gunju, 2001

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 31 ta' Jannar, 2001 b'riferenza MSP/TI/8/2001 biex tilwima dwar allegata tkeccija ngusta tigi deciza skond l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha l-kumpanija sostniet li kienu saru diversi rapporti ta' serq mill-kmamar tas-sodda tal-klijenti u li f'tali serqiet ma kienx hemm "break in" fil-kmamar li kien juri li min seraq kellu access ghall-kmamar.

Kienu gew installati security cameras.

In segwitu ta' wahda mis-serqiet, il-Managing Director baghat ghall-appellant, Floor Supervisor u ghal Jason Xerri, Room Attendant. Wara li kellimhom, baghat lill-appellant fuq gimgha leave biex isiru nvestigazzjonijiet ulterjuri pero' wara li r-Rooms Divison Manager kien kellem lill-Managing Director li ma kienx xieraq li jigi mibghut "on leave" wiehed, meta kienu tnejn, anke Xerri ntbaghat bil-leave.

L-appellant infurmah li kien sejjer jitlaq l-impjieg ghax hass li ma kienx qed jigi izjed moghti fiducja u in segwitu r-Rooms Division Manager infurmah li l-Managing Director kien qed jittermina l-impjieg tieghu.

Il-kumpanija qalet ukoll li meta spicca l-leave ta' Jason Xerri, hu kompla fl-impjieg.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu, l-appellant qal li kienu qeghdin jonqsu xi affarijiet mill-kmamar tar-residenti kemm meta kien ikun xoghol, kemm meta kien ikun off duty u anke meta kien bis-sick leave; qal ukoll li kienu wkoll jonqsu minn sections ohra, fejn hu ma kienx ikun xoghol hemmhekk.

Ikkonferma li kien intbaghat b'gimgha leave, izda mbaghad gie nfurmat li kien tkecca.

Fl-ewwel seduta t-Tribunal ghamel appell ghall-ftehim bonarju u bi ftehim mal-partijiet u d-difensuri taghhom, iffissa t-tieni seduta ghat-3 t'April, 2001.

Ghal din is-seduta ma deher hadd peress li d-difensur tal-kumpanija kien cempel lid-difensur tal-parti l-ohra biex ma jidhirx, biex il-kaz jithalla ghal seduta ohra.

It-Tribunal iddiferixxa s-smigh ghas-17 ta' Mejju, 2001 bl-avvertiment li jekk il-kumpanija ma tidhirx, il-kaz jigi deciz fuq il-provi tal-appellant.

Fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2001 deher id-difensur tal-kumpanija u nforma lit-Tribunal, li la kellu r-rapprezentant tal-kumpanija u lanqas ix-xhieda. Qal li wiehed mid-Diretturi kien imsiefer waqt li l-iehor kellu xoghol fil-lukanda; qal ukoll li l-ewwel erba' xhieda - tnejn minnhom impjegati, ma kienux gew, imma li hu kellu statement iffirmat minn kull wiehed minnhom u talab li jipprezentahom bhala x-xhieda tal-kumpanija. Dan ma giex permess u wara li naghtat nofs siegha zmien, u baqa' ma deher hadd, it-Tribunal sema' lill-appellant.

Dan ikkonferma l-fatti kif elenkati fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-kumpanija, hlief li hu rrizenja.

Qal ukoll li s-serq kien isir anke meta ma kienx ikun fil-lukanda, li skond informazzjoni minn impjegati, serq baqa' jsir wara t-tkeccija tieghu, u li l-Managing Director kien qal lil, Portelli li jekk ried jirrizenja, kellu jimla' l-karti hu, u li hu qatt ma mela karti ta' rizenja.

Mill-provi ezistenti t-Tribunal isib li ma kienx hemm provi li jiggustifikaw tkeccija u l-anqas provi li l-appellant kien irrizenja.

Ghalhekk isib li t-tkeccija ma kienitx gusta u l-appellant ghandu jinghata l-impjieg fil-grad li kellu u jithallas il-paga mill-ewwel jum wara li skadiet il-gimgha leave li bdiet mit-30 ta' Settembru, 2000 li l-appellant jammeti li kien thallas taghha, u dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mill-25 ta' Lulju, 2001.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986, jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' erbghin liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

-----------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**